MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Talba Numru. 1164/2003

**Middle Sea Insurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Dr. Victor Ceci**

**vs**

**Mario Atanasio**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fl-10 ta' Gunju, 2003, fejn intqal:**
**Illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fi Triq San Pawl, Naxxar, nhar is-6 ta' Marzu, 2002, meta sehhet kollizzjoni bejn il-vettura targata BAP 745 misjuqa mill-konvenut u l-vettura EAU 684 misjuqa mill-assigurat tas-socjeta` attrici Victor Ceci.**

**Ghalhekk l-istess konvenut qed jintalab ihallas lis-socjeta` attrici hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' Dr.**

**Victor Ceci s-somma ta' erba' mija u hmistax il-lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm415.36), rapprezentanti danni sofferti minn Dr. Victor Ceci li ghalihom kellha taghmel fronti s-socjeta` attrici taht polza tat-tip *comprehensive.***

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali interpellatorja datata 12 ta' Novembru, 2002, u tal-ittra ufficjali kontestwalment prezentata a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Mario Atanasio prezentata fis-17 ta' Settembru, 2003, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante li l-incident imsemmi sehh tort esklussivament ta' Dr. Victor Ceci u dan jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' Rosette Calafato, Dr. Victor Ceci, Mario Atanasio u PS 1131 Justin Camilleri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kawza.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fis-6 ta' Marzu, 2002 fi triq San Pawl Naxxar. Il-vetturi nvoluti fil-kollizzjoni kienu il-vettura numru EAU-684 misjuqa mill-attur u l-vettura BAP 745 misjuqa mill-konvenut.**

**2. Jirrizulta li l-assikurat tas-socjeta` attrici kellu l-vettura tieghu parkeggjata fi triq San Pawl, bil-vettura thares fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar, cioe` fuq ix-xellug. Jirrizulta li hekk kif fetah il-bieba giet il-vettura tal-konvenut u laqtet il-bieba. Bid-daqqa il-bieba marret il-quddiem u laqtet il-mudguard.**

**3. Jirrizulta mix-xhieda, kif ukoll mir-road accident report, illi fin-nofs tat-triq kien hemm vettura ohra, tal-marka Landrover, qed tipprecedi dik tal-konvenut,**

**miexja fid-direzzjoni ta' Targa Gap. Jidher illi hekk kif din il-vettura waslet hdejn il-vettura tal-attur, pero` ghan-nofs tat-triq, il-konvenut ghamel manuvra biex jipprova jghaddi bejn din l-imsemmija vettura u l-vettura tal-assikurat.**

**4. Jirrizulta illi f'dak il-waqt illi l-konvenut ghamel il-manuvra tieghu l-assikurat kien gja beda hiereg mill-karrozza. Jirrizulta li qabel ma fetah il-bieba tieghu, l-assikurat kien attent li ma kienx gej traffiku. L-isketch esebit Dok.JC2 jirrifletti perfettament id-dinamika tal-incident. Jidher li meta l-konvenut intebah bl-attur waqt li qed jaghmel il-manuvra azzardata tieghu, kien tard wisq u ghalkemm zamm brake, sehhet il-kollizzjoni.**

**5. Tenut kont ta' dak li ntqal it-Tribunal hu tal-fehma li kienet proprju l-manuvra tal-konvenut li kkawzat il-kollizzjoni. Il-konvenut kien qed jimmanuvra il-vettura tieghu pratikament bejn zewg vetturi, apparti li kien gej traffiku mill-faccata. Il-konvenut ipprova jaqbez minn gewwa il-vettura ta' quddiemu, u dana fil waqt li l-assikurat kellu gja il-bieba miftuha u kien qed jipprocedi biex jinzel mill-karrozza. Tali jinsab konfermat ukoll mir-Road accident report esebit. Ghalhekk il-konvenut ma kienx diligenti fis-sewqan tieghu b'din il-manuvra azzardata li ghamel, u l-konsegwenzi setghu kienu aghar. Konsegwentement it-Tribunal qed isib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh. Apparti minn dan rilevanti il-punt sollevat mill-abbli difensur tas-socjeta` attrici meta qal illi l-konvenut kellu l-vizwali ostakolata bil-Landrover ta' quddiemu.**

**6. Dwar id-danni riportati mill-assikurat dawna jirrizultaw pruvati sija mix-xhieda ta' Rosette Calafato tal-Claims Department tas-socjeta` attrici, u mid-dokumenti esebiti Dok.CC1 sa Dok.CC4, u s-survey Dok.CC5 u CC6.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh, u konsegwentement jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' erba' mija u hmistax il-lira Maltija**

**u sitta u tletin centezmu (Lm415.36), bl-imghax legali dekorribbli mit-12 ta' Novembru, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali interpellatorja datata 12 ta' Novembru, 2002, u tal-ittra ufficjali kontestwalment prezentata mal-avviz a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------